PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 4142

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 276 tal-11 ta' Novembru 2019 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**SENTENZI KOSTITUZZJONALI**

**40. L-ONOR. KAROL AQUILINA JISTAQSI LILL-ISPEAKER:** Jista' l-Ispeaker jgħid, minn nhar is-6 ta' Mejju 2019 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il sentenza huwa rċieva mingħand ir-Reġistratur tal-Qrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' l-Ispeaker jagħti l-okkju ta' kull sentenza u jagħti wkoll id-data ta' meta kopja tagħha ġiet imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra?

8.11.19

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, is-Sedja rċeviet żewġ sentenzi fil-perjodu bejn is-6 ta' Mejju 2019 u llum, 11 ta' Novembru 2019. Id-dettalji dwar dawn is-sentenzi jidhru hawn taħt:

**Seduta Nru 250 - It-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2019**

P.L. 3747 Sentenza tal-Appell Kostituzzjonali Nru 22, Rikors Nru 78/13 JRM, fl-ismijiet Lawrence Grech et al vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija, Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-Avukat Ġenerali, dwar il-mewt tar-rikorrent Lawrence Grech, deċiża fit-12 ta' Lulju 2019; u

P.L. 3748 Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Numru 5, Rikors Nru 89/14 JZM, fl-ismijiet Josephine Azzopardi et al vs il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Avukat Ġenerali, is-Sur Angelo Farrugia u s-Sur Clayton Farrugia, dwar proprjetà f'San Ġiljan, deċiża fit-12 ta' Lulju 2019.

**Seduta 276**
**11.11.19**